**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 764/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Zachary Zammit)**

**Vs**

**Kurt Zammit**

**Illum 12 ta' Ottubru 2023**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Kurt Zammit**, iben Reuben u Mignon neè Zahra, imwieled il-Pietà fit-23 ta' Ottubru 2001 u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 424101L, talli matul il-lejl ta' bejn il-31 ta' Lulju 2023 u l-1 ta' Awwissu 2023, ġewwa Block G, Apartment 13, Triq Jean Houel, San Ġiljan, Malta:

1. Ikkommetta serq ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), bil-lok u bil-ħin, li sar għad-dannu ta' Carmel Zahra u/jew persuni oħra;
2. U aktar talli fl-istess dati, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u dan għad-detriment ta' Carmel Zahra u/jew persuni oħra, liema ħsara ma teċċedix l-elfejn u ħames mitt Euro (€2,500), iżda teċċedi il-mitejn u ħamsin Euro (€250);
3. U aktar talli fl-istess dati, lok u ċirkostanzi kkommetta reat ieħor u b'hekk kiser provvediment ta' l-Artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta, mogħtija fil-konfront tiegħu b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mill-Maġistrat Dr. Rachel Montebello LL.D., datata 13 ta' Ġunju 2022, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti, f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tordna lil Kurt Zammit iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' Esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, flimkien ma' kwalunkwe restituzzjoni li għandha tiġi magħmula lil Carmel Zahra għal kwalunkwe ħsarat jew inġurji sofferti;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markati Dok. "ZZ1" sa' Dok. "ZZ12" a fol. 6 sa' 27 tal-proċess, fosthom il-Kunsens ta' l-Avukat Ġenerali ai termini ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta[1];

Rat li l-imputat, filwaqt li ddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu[2]. Rat però li waqt is-seduta tal-5 ta' Ottubru 2023[3], l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet minnu kkonfermata wara li l-Qorti, ai termini ta' l-Artikolu 392A(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, wissietu bl-iktar mod solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' l-ammissjoni tiegħu u tatu biżżejjed żmien biex jerġa' jirrikonsidraha u jerġa' lura minnha;

Rat is-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Kurt Zammit" pronunċjata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-13 ta' Ġunju 2022, esebita mill-Prosekuzzjoni waqt is-seduta tal-5 ta' Ottubru 2023[4];

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża dwar il-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli matul il-lejl ta' bejn il-31 ta' Lulju 2023 u l-1 ta' Awwissu 2023, ġewwa Block G, Apartment 13, Triq Jean Houel, San Ġiljan, Malta: (1) ikkommetta serq ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeċċedix €2,329.37, bil-lok u bil-ħin, li sar għad-dannu ta' Carmel Zahra u/jew persuni oħra; (2) u aktar talli fl-istess dati, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u dan għad-detriment ta' Carmel Zahra u/jew persuni oħra, liema ħsara ma teċċedix €2,500, iżda teċċedi €250; (3) u aktar talli fl-istess dati, lok u ċirkostanzi kkommetta reat ieħor u b'hekk kiser provvediment ta' l-Artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta, mogħtija fil-konfront tiegħu b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mill-Maġistrat Dr. Rachel Montebello LL.D., datata 13 ta' Ġunju 2022, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

L-imputat wieġeb li huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu. Fid-dawl ta' l-ammissjoni ta' l-imputat, il-Qorti għandha ssibu ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha hekk dedotti kontrih.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati mwettqa mill-imputat u minnu ammessi, iżda ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-imputat ikkopera mal-Pulizija fil-kors ta' l-investigazzjonijiet, li rreġistra ammissjoni fi stadju relattivament bikri tal-proċeduri u li l-imputat għandu problema akuta ta' abbuż ta' droga. Ħadet in konsiderazzjoni wkoll li t-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

---

[1] Dok. "ZZ12" a fol. 12 tal-proċess.
[2] Fol. 5 tal-proċess.
[3] Fol. 30 tal-proċess.
[4] Fol. 31 sa' 50 tal-proċess.

Għaldaqstant:

A. Wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17(h), 20, 31, 261(b)(ċ)(e)(f), 263(a), 267, 269(g), 270, 278(1)(3), 279(a), 280(2) u 325(1)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputat ħati, fuq ammissjoni tiegħu stess, ta' l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-perijodu ta' wieħed u għoxrin (21) xahar priġunerija effettivi;

B. Wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 23(1)(a) tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputat ħati, fuq ammissjoni tiegħu stess, tat-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, ossia li wettaq reat ta' natura volontarja tul il-perijodu operattiv ta' Ordni ta' Probation impost fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-13 ta' Ġunu 2022, u b'hekk qed tittratta miegħu dwar ir-reati mertu tas-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Kurt Zammit" deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-13 ta' Ġunju 2022, daqs li kieku għadu kemm ġie dikjarat ħati minn jew quddiem din il-Qorti dwar dawk ir-reati, u filwaqt li tikkonferma l-ħtija tiegħu għal dawk ir-reati (ossia l-ewwel, it-tielet, ir-raba', il-ħames, is-sitt, is-seba' u t-tmien imputazzjonijiet hemm dedotti kontrih, in kwantu kien ġie misjub mhux ħati tat-tieni u tad-disa' imputazzjoni dedotti kontrih u b'hekk ġie liberat minnhom), wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17(b)(d)(h), 31, 261(a)(b)(ċ), 262(1)(a)(b)(2), 263(b), 267, 276, 277(b), 279(a), 280(2), 325(1)(b) u 338(ee) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 55(a) tal-Kap.480 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap.65 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 3 tal-Kap.104 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundannah għall-perijodu ta' sbatax-il (17) xahar priġunerija effettiva.

Peress illi mill-atti proċesswali jirriżulta li l-imputat għandu problema akuta ta' abbuż ta' droga, ai termini ta' l-Artikolu 412D tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tqiegħed lill-istess imputat taħt Ordni ta 'Trattament għall-perijodu ta 'ħames (5) snin dekoribbli mid-data ta 'din is-sentenza, taħt il-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet ta 'Ordni ta 'Trattament mogħti illum stess, liema Digriet jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Dan l-Ordni ta 'Trattament qed jiġi magħmul għall-fini li l-imputat jingħata it-trattament u kura kollha meħtieġa, inkluż li jsegwi programm ta' rijabilittazjoni mill-vizzju tad-droga fuq bażi residenzjali, sabiex jirriabilita ruħu mill-vizzju ta' l-abbuż ta 'droga.

A tenur ta' l-Artikolu 412D(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu kif ukoll ir-responsabilità tiegħu f'każ li ma jikkonformax ruħu ma xi rekwiżit jew xi kondizzjoni ta' tali Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu, u ċioè li f'tali eventwalità il-Qorti tista' twaħħlu ammenda ta' mhux iżjed minn elf mija erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69).

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġewx nominati Esperti, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti tastjeni wkoll milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat jiġi kkundannat iħallas kumpens lill-vittma f'dawn il-proċeduri in kwantu ma tressqux provi in bażi għal liema tali talba tista' tiġi kkunsidrata u deċiża.

Ai termini ta' l-Artikolu 370(6) u 392A(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza u tad-Digrieti għall-ħruġ ta' Ordni ta' Trattament anness magħha u formanti parti integrali minnha.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**